

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Krämer u K. P. Wojcik, aġenti)

### Suġġett

Talba skont l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni tas-17 ta' Awwissu 2015 li permezz tagħha din tal-aħħar astjeniet milli tippreżenta proposta leġiżlattiva intiża għall-ħolqien ta' assoċjazzjoni Ewropea.

### Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*
- 2) *Europäischer Tier- und Naturschutz eV u Horst Giesen huma kkundannati għall-ispejjeż tagħhom.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 27, 25.1.2016.

## Rikors ippreżentat fit-12 ta' April 2016 – NC vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-151/16)

(2016/C 279/43)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### Partijiet

*Rikorrenti:* NC (rappreżentanti: J. Killick u G. Forwood, Barristers u C. Van Haute u A. Bernard, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-28 ta' Jannar 2016, li teskludi lir-rikorrenti minn kull parteċipazzjoni fi proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi u ta' sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u li tirreġistra lir-rikorrenti fis-Sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni prevista fl-Artikolu 108(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU 2012 L 298, p. 1);
- tadotta l-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura mitluba; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-inqas piena ħarxa (*lex mitior*), sa fejn il-Kummissjoni ma applikatx ir-Regolament Nru 966/2012, kif emendat bir-Regolament 2015/1929 (<sup>1</sup>), għad-deċiżjoni kkontestata.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur ta' forma proċedurali sostanzjali, sa fejn il-Kummissjoni ma kkonsultatx il-bord u ma eżaminatx mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha kif jeżiġi r-Regolament Nru 966/2012, kif emendat bir-Regolament 2015/1929.

3. It-tielet motiv, sussidjarjament, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-Artikolu 133a(1) tar-Regolament Nru 2342/2002<sup>(2)</sup>, sa fejn il-Kummissjoni applikat esklużjoni li hija sproporzjonata fiċ-ċirkustanzi tal-każ.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, sa fejn ir-rikorrenti diġà ġiet eskluża għall-istess aġir.

<sup>(1)</sup> Regolament (UE, Euratom) 2015/1929 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Ottubru 2015, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 966/2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU 2015 L 286, p. 1).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002, li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjaru li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 145).

### **Rikors ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2016 – GP Joule PV vs EUIPO – Green Power Technologies (GPTech)**

**(Kawża T-235/16)**

(2016/C 279/44)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### **Partijiet**

Rikorrenti: GP Joule PV GmbH & Co. KG (Reußenköge, il-Ġermanja) (rappreżentant: F. Döring, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Green Power Technologies, SL (Bollullos de la Mitación, Spanja)

#### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-elementi verbali "GPTech" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 593 869

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tad-9 ta' Frar 2016 fil-Każ R 848/2015-2

#### **Talbiet**

- tibdel id-deċiżjoni kkontestata u tiċħad l-applikazzjoni tal-applikant għat-trade mark Nru 12 593 869;
- sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

#### **Motivi invokati**

- Ksur tar-Regolament Nru 207/2009, sa fejn ma tqiesx li r-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti mir-Regola 17(4) tar-Regolament Nru 2868/95, li hija intiża li tipproteġi lill-opponent, kienu applikabbli;